MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 684/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**C 2833**

**vs**

**Francesco Darmanin**
**ID 538686 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' disa' mija u ghaxar ewro u tlieta u tletin centezmu (€ 910.33), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Settembru 2012, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 9 ta' Settembru 2011 (Dok. "B").
Illi, nterpellat sabiex [i]hallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-

talba. Ili s-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll Affidavit skond il-ligi hawn anness u markat Dok. "C".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u ghaxa ewro u tlieta u tletin centezmi (€ 910.33), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------